TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Edith Ebejer obo Francis Ebejer

vs

Drugsales Ltd.

CCT/101/15/MS

Illum 19 ta' Ottubru, 2015

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti tal-15 ta' Mejju 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata datata 5 ta' Gunju 2015.

Ra l-atti kollha processwali.

Ra illi fl-ewwel seduta sar skambju ta' diskors informali u 'bla pregudizzju' u fuq suggeriment tas-socjeta' intimata, il-partijiet ftehmu illi ser jippruvaw ghall-ahhar darba jilhqu xi tip ta' transazzjoni u ghalhekk it-Tribunal iddiferrixxa l-kawza ghall-informazzjoni ulterjuri.

Ra illi ghat-tieni seduta dehru biss ir-rikorrenti u ma deher hadd ghas-socjeta intimata li kienet debitament notifikata u kienet taf bis-seduta.

Sema' lir-rikorrenti bil-gurament li qalu illi ma kien hemm ebda bdil fic-cirkostanzi mill-ewwel seduta l'hawn.

Ra illi s-socjeta' intimata ma ghamlet ebda tip ta' kuntatt ma-Tribunal wara din is-seduta- la permezz ta' ittra jew rikors - mat-Tribunal wara din is-seduta biex tiggustifika ghalfejn ma attendietx ghas-seduta jew biex titolbu biex ma jipprocedix bil-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi illi f'xi zmien ir-rikorrent, li jbati mis-smigh, xtara *hearing aid* digitali minghand is-socjeta' intimata ghal prezz ta' elf Euro (€1,000). Ghalkemm ma gew prezentati ebda ircevuti, din il-figura qatt ma giet kontestata mis-socjeta' intimata (kemm fir-risposta kif ukoll fl-

ewwel seduta) u kien konfermat ukoll bil-gurament mir-rikorrenti quddiem dan it-Tribunal. It-Tribunal ghalhekk huwa moralment konvint illi dan kien il-prezz illi thallas mir-rikorrenti.

Illi jidher illi dan il-*hearing aid* ma ffunzjonax tajjeb, tant illi r-rikorrenti ilmentaw mas-socjeta' konvenuta kemm il-darba. Minhabba s-sofistikazzjoni tal-prodott intbaghat fl-esteru ghat-tiswija. Il-*hearing aid* gie lura izda xorta r-rikorrent ma kienx kuntent bir-rizultat, tant illi rega' ilmenta ghal darb'ohra u ghat-tieni darba is-socjeta' intimata baghtet dan il-*hearing aid* ghand is-suppliers ghall-aktar verifikazzjoni u tiswija.

Illi meta gie lura, il-*hearing aid* xorta ma iffunzjonax tajjeb peress illi skond ir-rikorrent kien qed izarzar u ma jzommx is-settings kif suppost. Jidher illi f'dan l-istadju is-socjeta' intimata qatghet qalbha u informat lir-rikorrent li ma kienx hemm aktar x'taghmel, ghad illi quddiem dan it-tribunal is-socjeta' intimata offriet illi terga' tibghat il-*hearing aid* lis-suppliers taghha ghat-tiswija - (ara Dokument A anness mar-risposta tas-socjeta' intimata.)

Illi f'din l-istess risposta is-socjeta' intimata issugeriet ukoll illi jkun hemm *' an independent third party examination'*. Dan it-Tribunal, wara hsieb akkurat, ma jhossx illi ghandu jzid l-ispejjes b'tali nomina in vista tal-fatt illi *hearing aid* hija haga personali hafna kif ukoll soggettiva u huwa dak li ghandu bzonnu u juzah li jrid ikun sodisfatt bih. Jekk ir-rikorrent, wara li jkun hallas dawk il-flejjes kollha xorta jibqa' ma jismax u jibqa' jilmenta minn dan il-prodott, zgur li mhux ser jaghmel hekk b'kapricc. Il-fatt illi is-socjeta' intimata rikonoxxiet illi *l-hearing aid* seta' kellu difett f'zewg okkazjonijiet separati u xi partijiet gew mibdula huwa bizejjed ghal dan it-Tribunal biex jikkonvinciha illi ir-rikorrent ghandu ragun fit-talba tieghu . Di piu' il-*hearing aid* huwa kopert b'garanzija u s-socjeta' intimata wkoll estendiet tali garanzija sal-ahhar ta' Settembru 2015. (ara fol 6) u dana biex ir-rikorrent ma jigix pregudikat.

It-Tribunal japprezza l-gest tas-socjeta' intimata illi riedet taghmel minn kollox biex tissodisfa lir-rikorrenti u dana jawgura tajjeb ghal relazzjonijiet kummercjali bejn is-socjeta' intimata u l-klijenti taghha. Hija hasra illi ghat-tieni seduta fejn it-Tribunal kien ser jisma fuq l-ezitu tal-transazzjoni u tisma' il-versjoni tas-socjeta' intimata b'aktar dettall, hadd ma deher ghaliha.

Illi pero' fl-ahhar mill-ahhar jibqa' l-fatt ill la darba ir-rikorrent mhuwiex kuntent bil-prodott minhabba difett latenti, kopert b'garanzija, is-socjeta' intimata hija fl-obbligu illi tirrimpjazza il-*hearing aid* b'iehor bhalu jew tirrifondi l-prezz imhallas.

Ir-rikorrent qed jitlob illi jinghata lura l-flus illi hallas - u ta' dan it-Tribunal jidhirlu illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa gustifikat u t-talba tieghu timmerita li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikkundanna s-socjeta' intimata illi tirrifondi lir-rikorrenti is-somma ta' elf Euro (E1000) debitament imhallsa ghal hearing aid difettuz, bid-dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura dan il-*hearing aid.*

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**